MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 1222/1998/1

**Charvin Press & Company Limited**

**Vs**

**George Cini u b'digriet tal-20 ta' April 1999 giet kjamata in kawza Pauline Cini**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa mija u hamsin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm950.48) rapprezentanti l-prezz ta' oggetti mibjugha u servizzi ta' stampar rezi u konsenjati lill-konvenuti mis-socjeta' hawn fuq imsemmija fuq ordni u nkarigu specifiku taghhom, liema prezz minkejja l-interpellazzjonijiet li saru lill-konvenuti baqgha ma thallasx, bl-imghax u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali ta' l-1 ta' April, 1998 u tal-mandati kawtelatorji li gew prezentati kontestwalment

ma’ l-avviz, kollox kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut a fol 8 tal-atti u li permezz taghha bil-qima eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni proposta ma gietx diretta kontra l-konjugi martu Pauline Cini li hi tippartecipa fl-attivita’ kummercjali. Ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza.
2. Illi fil-mertu l-ammont dovut hu ferm anqas minn dak mitfiehem u dan kif ser jigi provat fil-kors tal-kawza.

Rat id-digriet Taghha moghti fl-20 ta’ April 1999 (fol 9 ibid) u li bih giet kjamata fil-kawza mart il-konvenut Pauline Cini kif ukoll dak kollu dikjarat u verbalizzat fl-istess seduta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Charles Calleja</u> (fol 12 et seq ibid) spjega illi l-konvenut kien ordna xoghol ta’ “artwork” in konnessjoni ma “labels” u “sabiex naslu ghal(l)-prodott finali ghamilna l-procedura kollha inkluzi ‘films’, ‘plates’ u stampar”. Dwar il-<u>prezz</u>, dan kien gie miftiehem verbalment bejn il-partijiet, fl-ammont ta’ Lm950 li ntlahaq “Wara xi ftit ta’ negozjati” u “ntaqsulu minn dan il-prezz”. Ix-xhud spjega illi “Lil George Cini, il-konvenut ix-xoghol ghogbu. Fil-fatt ghamel ordni ohra”. Wara li qal dan, ix-xhud ikkorrega ruhu billi qal illi “…l-ammont indikat fl-Avviz jirreferi ghal zewg ordnijiet” “u wara li gew konsenjati, kien intbaghat l-‘invoice’ ghall-hlas izda l-konvenut beda jitlob zmien ghal hlas, minghajr ma ghamel xi lment dwar ix-xoghol kif esegwit.

Illi s-socjeta’ attrici pproduciet ukoll l-‘<u>affidavit</u>’ (fol 17 et seq ibid) ta’ impjegat maghha <u>Edgar Spiteri</u>. Dan, wara li spjega l-generu tal-impieg tieghu, ikkonferma illi kien esegwixxa x-xoghol fuq diversi ‘<u>labels</u>’ bhal dik esebita a

fol 18 ibid. Dwar l-istess ‘labels’ hu kkonferma illi ta’ sikwit u in konnessjoni maghhom, kienu jigu, fil-fabbrika mara u ragel. L-istess ragel kien ried li x-xoghol jigi esegwit malajr avolja kien tip ta’ xoghol li kien jirrikjedi “hafna rqaqat u kien xoghol ta’ precisjoni. L-istess xoghol kien jikkonsisti f’”eluf ta’ ‘labels’ “…. “differenti minn xulxin”. Impjegat iehor tas-socjeta attrici prodott bhala xhud kien Victor Catania” li fis-sustanza ikkonferma, fl-“affidavit” sottomess minnu (fol 15 u 16 ibid) dak li xehed ix-xhud precedenti.

Illi Carmelo Calleja prodott ukoll kif jidher mill-anness “affidavit” a fol 19 u fol 57 et seq ibid) xehed li hu, l-“managing director” tas-socjeta’ attrici u spjega illi impjegat iehor li kien miet bl-isem ta’ Vincent Girma, kien ghamel l-“artwork” relattiv “… fuq l-struzzjonijiet u specifikazzjonijiet” tal-konvenut, li diversi drabi kien gie fil-fabbrika u kien approva x-xoghol li sar kif kien gie esegwit u “… kien sodisfatt minnu”. Meta l-“artwork” kien sar il-konvenut kien ghamel l-ewwel ordni konsistenti f’40,000 mill-“labels” imsemmija u dawn gew konsenjati lilu (ara id-dokumenti markati “A” u “A1” a fol 21A a fol 29 ibid). Sussegwentement kienet saret ordni ohra fl-istess ammont, izda b’ “xi settings differenti” (ara id-dokument market “B” a fol 22 ibid) minhabba differenzi fil-prodotti li kellhom jigu ppakkjati. Dwar din l-ordni, Pauline Cini il-kjamata in kawza kienet hadet l-konsenja ta’ 37,000 minnhom. Waqt li t-3,000 l-ohra gew konsenjati lill-konvenut. Ulterjorment, kienet saret ordni ohra ta’ 5000 “label” bhal dik esebita a fol 24 A (“Best before Dec 1998”) li giet ukoll esegwita u debitament konsenjata. L-istess xhud spjega illi l-prezz ta’ dan ix-xoghol kollu kien gie diskuss mal-konvenut u martu u kien sar il-ftehim relattiv, bil-hlas jsir “on cash basis”. Difatti hu hadem il-fattura a bazi tar-rati hekk miftehma “… skond it-tip partikolari ta’ xoghol” u l-volum relattiv. Inoltre kien sar skont fil-prezz ta’ 5%. Din il-fattura tinsab esebita a fol 26 ibid. Ix-xhud kompla billi qal illi l-konvenuti qatt ma kienu hallsu mal-konsenja tax-xoghol. Difatti wara li skadew madwar erba’ xhur u l-hlas ma kienx gie effettwat, ix-xhud kien hareg il-fattura formali u li fiha kien hemm imnizzel il-prezz a bazi tar-rati miftehma mill-bidu nett. Cjononostanti avolja diversi promessi ta’ hlas, il-konvenuti ma hallsux l-ammont

dovut. Difatti kienet intbaghtet ittra ufficjali (fol 27ibid) li, pero, baqghet minghajr risposta u ghalhekk kellha ssir din il-kawza (ara ukoll l-'affidavit' ta' Alan Parascandolo a fol 28 ibid).

Ikkunsidrat

Illi Pauline Cini kjamata f'din il-kawza meta xehdet (fol 27 et seq ibid) issostni li l-ewwel ordni kienet saret bil-prezz ta' hames (5) millezmi ghal kull "label". Difatti hi kienet tkellmet u ddiskutiet flimkien ma u presenti zewgha, ma Charles Calleja. Fil-bidu, dan kien issugerixxa rata ta' hames (5) centezmi l-wahda. Pero', l-konvenuti ma kienux accettaw din il-"quotation" ghar-raguni spjegata fix-xhieda taghha u wara diskussjoni ulterjuri l-istess Calleja kien issuggerixxa prezz ta' hames millezmi kull "label" bil-kondizzjoni li jkun hemm ordni ta' almenu 40,000. Din giet accettata u saret l-ordni bil-miktub skond kif jidher mid-dokument ("job card") a fol 21 tal-atti, f'liema dokument, pero' ma hemmx specifikat il-prezz ta' kull "label". Sussegwentement, f'diversi stadji, kienet saret il-konsenja tal-"labels" ordnati, minghajr pero ma kien ighata il-kont relattiv. L-ewwel kont kien inhareg matul Gunju 1997 u "jiena ma qbilx mieghu". Qabel ma kien inhareg dan l-kont, pero, kienet saret u giet mifthema t-tieni ordni bil-prezz miftiehem dejjem skond ix-xhud ta' hames (5) millezmi kull label. Din it-tieni ordni giet ukoll konsenjata izda ghall-istess raguni ma kienx hemm qbil fil-kont. Ghalhekk ix-xhud sostniet illi "B'referenza ghal kalkoli maghmula minnu in rigward l-ewwel ordni kienu dovuti Lm200 u Lm200 tat-tieni ordni u xi haga zghira in rigward 'labels' ordnati ukoll b'referenza ghal "best before" oltre 15% bhala taxxa ghall-valur mizjud". L-istess xhud sostniet, ukoll, li ma giex diskuss bejn il-partijiet, xi skont fil-prezz ta' 5% (ara ukoll ix-xhieda ta' George Cini, l-konvenut l-iehor a fol 46 u fol 65 ibid li, sostanzjalment, ikkonferma dak li kienet xehdet martu, Pauline Cini).

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-premess, il-kontesazzjoni f'dan il-kaz hi ristretta ghal dwar kemm, kien il-prezz miftiehem

verbalment bejn il-partijiet in rigward kull label. In konnessjoni ma din il-kontestazzjoni il-Qorti ma ratx xi dokument iffirmat mill-partijiet sabiex a bazi tieghu, tkun tista' tghid liema hi l-versjoni li tirrispekkja l-fatti kif effettivament graw. Filfatt, min esami u analisi tal-istess provi, il-Qorti hi tal-fehma illi s-socjeta' attrici ma' pprovatx, kif kienet obbligata li taghmel illi l-prezz miftiehem ta' kull "label" kien fuq bazi ta' probabilta, centezmu kull wiehed (Dwar dan l-obbligu u "onus probandi" ara l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Konsegwentement, l-istess Qorti tara li ghandha tigi accettata it-tezi sostnuta mill-konvenuti fis-sens li kien gie miftiehem illi l-prezz ta' kull "unit" kien effettivament hames millezmi.

Illi, pero, ghandu jigi rilevat illi avolja skond il-konvenut huma kienu disposti li jhallsu nofs dak pretiz mis-socjeta' attrici l-ammont accettat mill-istess konvenuti u , filfatt, ammess minnhom ma giex depositat fir-Registru ta' din il-Qorti. Dan il-fatt ghandu jigi rifless fil-kap ta-ispejjes ta' dawn il-proceduri fis-sens li hi l-konvinzjoni ta' din il-Qorti li dawn ghandhom jithallsu, kollha kemm huma, mill-istess konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk it-talba attrici fil-meritu tista' tigi akkolta, biss 'in parte', limitatament ghal nofs (1/2) l-ammont pretiz u mitlub fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' 'in parte' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm475.24 ossija €1107.01 bl-imghax legali mit-28 ta' Gunju 1997, id-data tal-fattura a fol 28 ibid, sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' April 1998 u tal-mandati kawtelatorji tal-15 ta' Gunju 1998, imsemmijin fl-avviz, jithallsu mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------